DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUMM GEORGIA/1/2012

tal-14 ta' Settembru 2012

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja (EUMM Georgia)

(2012/513/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/452/PESK tat-12 ta' Awwissu 2010 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, EUMM Georgia [1], kifemendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/536/PESK [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/452/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) hu awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini li jeżerċita kontroll politiku u direzzjoni strateġika ta' EUMM Georgia, inkluża d-deċiżjoni li jaħtar Kap tal-Missjoni.

(2) Fl-1 ta' Lulju 2011, fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (GħR), il- KPS adotta d-Deċiżjoni EUMM/1/2011 [3] li taħtar lis-Sur Andrzej TYSZKIEWICZ bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUMM Georgia sal-14 ta' Settembru 2011. Il-mandat tiegħu ġie estiż sal-14 ta' Settembru 2012 bid-Deċiżjoni tal-KPS 2011/539/PESK [4].

(3) Fit-13 ta' Settembru, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/503/PESK [5] li testendi t-tul tal-EUMM Georgia sal-14 ta' Settembru 2013.

(4) Fit-12 ta' Settembru 2012, ir-RGħ ipproponiet l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Andrzej TYSZKIEWICZ bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUMM Georgia sal-14 ta' Settembru 2013,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Andrzej TYSZKIEWICZ bħala Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja (EUMM Georgia) huwa b'dan estiż sal-14 ta' Settembru 2013.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Settembru 2012.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

O. SKOOG

[1] ĠU L 213, 13.8.2010, p. 43.
[2] ĠU L 236, 13.9.2011, p. 7.
[3] ĠU L 175, 2.7.2011, p. 27.
[4] ĠU L 238, 15.9.2011, p. 32.
[5] ĠU L 249, 14.9.2012, p. 13.